B 1825

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,126, 6 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 231 tal-2023

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "t-Tmien Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 105a tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Jemenda t-Tmien Skeda.

2. Minnufih wara l-partita 11 tat-Tmien Skeda għandhom jiġu miżjuda dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"12. Kustodja u mmaniġjar ta' titoli.	12%
13. Immaniġjar ta' kreditu u garanziji ta' kreditu minn persuna jew korp minbarra dawk li taw il-kreditu.	12%
14. Kirja ta' pleasure boat lill-persuna skont arranġament għal kwalunkwe terminu jew parti minn terminu li, meta jingħadd mat-terminu ta' kiri preċedenti, tal-istess oġġett jew oġġetti oħra tal-istess tip, lill-istess persuna matul it-tnax (12)-il xahar preċedenti li jispiċċaw fid-data li tibda l-kirja eżistenti, ma teċċedix ħames (5) ġimgħat.	12%

B 1826

15. Servizzi li jikkonsistu fil-kura tal-ġisem uman meħtieġa li jiġu mogħtija minn persuna fl-eżerċizzju ta' kwalunkwe professjoni regolata bl-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), inkluż servizzi provduti fil-kors ta' negozju ta' health studio jew negozju simili, iżda mhux inklużi provvisti eżenti msemmija fil-partita 11 tat-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda.	12%".